FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 6 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
ANTHONY MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Muscat ta' 37 sena iben Joseph u Doris xebba Galea, imwieled B'Kara u residenti no 54, St Thomas Street, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita numru 150564M talli fil-perjodu ta' 23 ta' Frar 1992 u 27 ta' Novembru 1996 wkoll wara nzul ix-xemx b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illeggitimu tal-kurrent elettriku tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl tal-elettriku fl-ammont ta' Lm190.06,0 mill-fond no 54, St Thomas Street, Hamrun liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, bhala detentur tal-fond jew persuna li ghandha dan il-fond instabu dawn il-mezzi qarrieqa ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-gumni jew makkinarju jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent tal-elettriku, jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni fil-provvista tal-elettriku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u fejn l-imputat ddikjara illi ser jibda jhallas l-ammont dovut f'pagamenti ta' Lm25 fix-xahar.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 263, 264, 270 u 267 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tminn xhur.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.